# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 111/2017

**Il-Pulizija**

**vs**

**Antonia Degiorgio**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellanta, Antonia Degiorgio, detentrici tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 376178M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar il-15 ta' Dicembru, 2016 fil-Gzejjer Maltin irrifjutat li taghti access lil wild taht il-kustodja taghha lil Claude Degiorgio, hekk kif ordnat mill-Qorti jew hekk kif marbuta bil-kuntratt minghajr raguni xierqa (Kap 9 Artiklu 338 (ll);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-6 ta' Marzu, 2017 li biha l-Qorti sabet lill-imputata hatja w kkundannatha ghal gimghatejn detenzjoni;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Antonia Degiorgio, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-10 ta' Marzu, 2017, li permezz tieghu talbet lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha fejn sabitha hatja tal-imputazzjoni u minnha tilliberaha skont il-ligi u b'mod sussidjarju, tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tkun imposta piena u/jew sanzjoni aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-aggravji tal-appellanta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanta esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-fatti ta' dan il-kaz jirrigwarda gurnata partikolari meta l-appellanta naqset mill taghti access lill-zewgha ghal-binhom skond kif ordnat mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja). Dan il-fatt ma huwiex kontestat. Dak li hu kontestat hu li dan sar minhabba interpretazzjoni zbaljata tad-digriet tal-Qorti Civili fejn allura l-appellanta tikkontendi li kellha raguni valida skond il-ligi sabiex ma thallix lill-zewgha l-kwerelant jigbor lill-binhom mill-iskola;
2. Nhar il-Hamis 15 ta' Dicembru, 2016, l-kwerelant mar jigbor lill-ibnu mill-iskola izda hemmhekk sab lill-kwerelanta li rrifjutat stante li

dik ma kienitx wahda mill-granet li fih kellu access ghalih. Il-kwerelant ghamel rapport l-ghassa tal-pulizija u konsegwentement kienu inizzjati dawn il-proceduri kontra l-appellanta;

3. Minn ezami tad-dokumenti esebiti u tax-xhieda li ddeponew quddiem din il-Qorti, jemergi illi l-access tat-tifel tal-konjugi huwa regolat b'diversi digrieti tal-Qorti Civili u din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn toqghod taghmel rassenja ta' dawn l-ordnijiet kif mibdula maz-zmien. Ikun sufficcjenti, izda, li jinghad li b'digriet tal-Qorti Civili tat-18 ta' Ottubru, 2012, kien varjat id-digriet ta' access tal-kwerelant vigenti precedentement u dan bi skeda li tapplika ghall-Gimgha 1 u ohra ghall-Gimgha 2. Ghal dak li jirrigwarda il-Gimgha numru 2, l-kwerelant kellu, *inter alia* jigbor lill-minuri mill-iskola kull nhar ta' Tlieta u l-Hamis u jzommu mieghu sas-7pm meta tghaddi ghalih ommu, l-appellanta. Fil-15 ta' Jannar, 2015, meta l-appellanta u l-kwerelant dehru fil-kawza taghhom quddiem il-Qorti Civili, ftehmu illi bi prova ghall-xahrejn, "meta l-attrici tkun xoghol nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis it-tifel jorqod mal-missier nhar ta' Tlieta u nhar ta' Gimgha u meta fil-gimgha ta' wara l-attrici tkun xoghol it-Tnejn, l-Erbgha u l-Gimgha, it-tifel jorqod mal-missier kull nhar ta' Erbgha u nhar ta' Sibt";

4. Fit-30 ta' Dicembru, 2015, l-Qorti Civili laqghet talba ohra tal-appellanta maghmula b'rikors fit-3 ta' Dicembru, 2015 sabiex tvarja id-digriet tat-18 ta' Ottubru, 2012 billi fil-Gimgha 2, "il-missier ma jibqax ikollu aktar access il-Hamis, biex ikun jista' jattendi ghall-muzew ....". Din il-Qorti ghalhekk tifhem illi mit-30 ta' Dicembru, 2015, l-kwerelant ma kienx ghad ghandu access ghall-ibnu fil-gurnata tal-Hamis f'Gimgha 2. Gara izda, illi fl-10 ta' Novembru, 2016, l-appellanta regghet intavolat rikors iehor quddiem il-Qorti Civili, fejn wara li ghamlet rassenja tal-granet u hinijiet ta' access li ghandu zewgha, fejn allura indikat illi f'Gimgha 2 imissu nhar ta' Tlieta u nhar ta' Gimgha, talbet illi "tvarja l-hin fid-digriet tat-18 ta' Ottubru 2012 kif gej: Gimgha 1 [mhux relevanti ghall-kaz odjern] u Gimgha 2 ": It-Tlieta u l-

Hamis jigbor lill-minuri mill-iskola u jzommu mieghu sakemm ir-rikorrenti tghaddi ghalih ghand l-intimat dakinhar stess wara x-xoghol fit-**8pm***. Fil-weekend, l-intimat jigbor lill-minuri minghand ir-rikorrenti il-Gimgha fis-7.pm u jzommu u jraqqdu mieghu sal-ghada s-Sibt, u r-rikorrrenti tghaddi ghalih ghand l-intimat wara x-xoghol fis-**6pm***";

5. Illi l-Qorti Civili ordnat in-notifika tar-rikors lill-kwerelant odjern u dan wiegeb illi kien qieghed jaqbel mat-talbiet tar-rikorrenti, l-appellanta odjerna,u kjarifika billi rega rriproduca t-talba tal-appellanti fir-risposta tieghu u ghamel enfasi fuq il-granet u l-hinijiet indikati fir-rikors promotur billi indikahom b'ittra aktar skuri. Il-Qorti Civili imbaghad ghaddiet biex tilqa' t-talba bid-digriet taghha tad-29 ta' Novembru 2016 u l-effett ta' dan kien, *inter alia*, zieda fil-granet tal-access billi issa zdied ghall-kwerelant il-Hamis fil-Gimgha 2;

6. Illi ghalhekk ir-rikorrenti kellu ragun meta mar jigbor lill-ibnu mill-iskola nhar ta' Hamis 15 ta' Dicembru, 2016 anzi kellu l-obbligu li jaghmel dan u mhux ihallih abbandunat wahdu l-iskola bil-konsegwenzi kollha li dan jista' jgib mieghu. L-appellanta izda, irreagiet ghal dan ghaliex ma ndunatx illi meta l-Qorti Civili laqghet it-talba kienet effettivament qed tordna mhux biss tibdil fil-hinijiet tal-access izda ukoll fil-granet. Huwa evidenti illi l-origini ta' dan kien l-izball li l-avukat taghha ghamlet fir-rikors promutur meta akkludiet il-jum tal-Hamis;

**7.** Issa, ghalkemm fil-kwistjoni tal-kommissjoni ta' kontravvenzjoni, ma hemmx bzonn tal-propositu deliberat u volut tal-awtur, okkorrenza bhal din hawn skrutinata fejn persuna tagixxi fuq informazzjoni zbaljata setghet naturalment tittiehed in konsiderazzjoni mill-gudikant. Kif inghad fis-sentenza Il-Pulizija vs Anthony Mallia App Inf – 24/02/1960."*ghall-imputabilita' ta' dan ir-reat hi bizzejjed il-volontarjeta' tal-fatt; hu bizzejjed li l-imputat kien il-kawza efficjenti volontarja tal-fatt kontravvenzjonali, minghajr ma hemm bzonn illi jkun hemm fl-imputat il-kuxjenza tal-illegittimita' tal-fatt stess. Jekk*

*hu ried il-fatt biss, allura hu fi stat kontavvenzjonali. B'mod illi l-indagini tal-Qorti ghandha tkun ristretta filli l-gudikant jara jekk l-imputat riedx il-fatt, meru u semplici".* Imbaghad fis-sentenza Il-Pulizija vs Duncan Schembri App Krim 396/2016 – 30/3/201 intqal illi "*Il-Qorti ma ghandhiex taghmel ebda ricerka dwar l-element intenzjonali ta' dan ir-reat; ghax il-ligi rilevanti tikkwalifikah bhala kontravvenzjoni, u fil-kontravvenzjonijiet hija bizzejjed il-volontarjeta', ghalkemm din tista tkun eccezzjonalment eskluza fil-kaz ta' zball invincibbli u essenzjali, u li jgib dejjem eccezzjonalment, il-buona fede (Il-Pulizija vs Carmelo Bonnici App Inf 15/02/1958)".*;

8. Ezaminat il-kaz odjern minn din l-ottika, din il-Qorti ma tistax ma tosservax illi meta staqsiet lill-appellanta ghaliex ma hallietx lill-zewgha jiehu lill-binhom mill-iskola wiegbet li ghaliex hemm id-digriet, ghaliex hi hekk tinterpreta dan id-digriet, ghaliex hi taf x'talbet fir-rikors taghha "aggustament ta' siegha ma jfissirx granet" L-ewwel Qorti ghalhekk kienet mhux biss legalment izda ukoll ragjonevolment korretta meta sabet lill-appellanta hatja ghaliex huwa evidenti illi minkejja li l-appellanta indunat bl-izball tal-avukat taghha, xorta wahda riedet tinterpreta d-digriet bil-mod li jidrilha hi, meta fil-verita' ma kien hemm xejn x'wiehed jinterpreta izda semplicement li jammetti li kien sar zball u sakemm jitranga dak l-izball bi proceduri ohrajn, kellha toqghod ghall-ordni tal-Qorti bhal ma kien tenut joqghod ghall-istess ordnijiet zewgha kull darba li jkun hemm varjazzjoni fil-hinijiet u granet tal-access. L-appellanta ma kellhiex ghalhekk raguni valida sabiex tichad l-access kif jipotizza l-artikolu 338(ll) tal-Kodici Kriminali;

9. L-appellanta, b'mod sussidjarju, titlob ghall-varjazzjoni fil-piena erogata mill-ewwel Qorti ta' gimghatejn detenzjoni. Issa, ghalkemm huwa ormai stabbilit fil-gurisprudenza illi din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena la darba din tkun fil-parametri tal-ligi u xejn ma jkun jiddemostra li tkun inghatat piena aktar jew anqas minn dik preskrivibbli, jidher li f'dan il-kaz hemm lok ta' temperament. Dan ghaliex, ghad illi l-ewwel Qorti

ghandha ragun thares lejn kwistjonijiet konsimili b'dispett lejn l-ordinijiet tal-Qorti li ghandhom dejjem ikunu obduti u li tali nuqqas igib effetti trawmatici sia fuq il-wild kif ukoll fuq il-genitur, jidher illi l-iskop tal-legislatur intlahaq billi dan l-incident ma regax irrepeta ruhu anke jekk dam xi ftit biex kien rizolt;

10. Ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tiddeciedi billi tichad l-ewwel talba u tilqa' t-tieni talba ghall-varjazzjoni tas-sentenza appellata u dan billi tikkonfermaha f'dik il-parti li biha sabitha hatja izda tirrevokaha f'dik il-parti li biha kkundannataha ghall-gimghatejn detenzjoni u minflok tikkundannha ghal-hlas ta' ammenda ta' €50.